



Brussell, 17 ta' Ġunju 2019
(OR. en)

10219/19

COEST 137

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	17 ta' Ġunju 2019
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 10098/19	
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-impenn tal-UE għall-kooperazzjoni reġjonali fil-Baħar l-Iswed

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-impenn tal-UE għall-kooperazzjoni reġjonali fil-Baħar l-Iswed kif adottati mill-Kunsill (Affarijiet Barranin) tas-17 ta' Ġunju 2019.

**Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-impenn tal-UE
għall-kooperazzjoni reġjonali fil-Baħar l-Iswed**

1. Il-Kunsill jafferma mill-ġdid l-impenn fit-tul tiegħu li jrawwem il-prosperità, l-istabbiltà u r-reżiljenza fiż-żona tal-Baħar l-Iswed. Filwaqt li jfakkar li l-Inizjattiva tas-Sinerġija tal-Baħar l-Iswed tibqa' l-bażi għall-impenn tal-UE fir-reġjun, il-Kunsill jilqa' r-rieżami tagħha f'Marzu 2019 mir-Rappreżentant Għoli u l-Kummissjoni Ewropea, li jikkonferma l-valur prattiku u l-kontribut pożittiv tagħha għall-kooperazzjoni reġjonali fiż-żona tal-Baħar l-Iswed.
2. Il-Kunsill jenfasizza l-importanza strateġika dejjem tikber taż-żona tal-Baħar l-Iswed għall-UE u jitlob involviment akbar fil-kooperazzjoni reġjonali hemmhekk, f'konformità mal-prinċipji tal-Istrateġija Globali tal-UE u tal-Politika Ewropea tal-Viċinat riveduta. B'mod partikolari, jenfasizza l-importanza li jiġu sfruttati l-opportunitajiet ġodda għall-iżvilupp ekonomiku, ir-reżiljenza u l-konnettività fir-reġjun u lil hinn minnu.
3. Il-Kunsill jibqa' mħasseb dwar l-isfidi tas-sigurtà fiż-żona tal-Baħar l-Iswed. F'dan il-kuntest, il-Kunsill itenni li r-rispett għad-dritt internazzjonali, inkluż il-prinċipji ta' indipendenza, sovranità u integrità territorjali, il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar, inkluż il-libertà ta' navigazzjoni, kif ukoll id-deċiżjonijiet ta' politika tal-UE u l-politika tagħha ta' nonrikonossiment dwar l-annessjoni illegali tal-Krimea huma fundamentali għall-approċċ tal-UE għall-kooperazzjoni reġjonali fiż-żona tal-Baħar l-Iswed.
4. Il-Kunsill jilqa' b'sodisfazzjon il-kooperazzjoni pragmatika u mmirata lejn is-settur fi ħdan l-inizjattiva tas-Sinerġija tal-Baħar l-Iswed li għandha l-għan li tibni l-fiduċja, trawwem djalogu reġjonali u tagħti riżultati tanġibbli għall-benefiċċju kemm tar-reġjun kif ukoll tal-UE. Il-Kunsill jirrikonoxxi l-valur miżjud tal-approċċ minn isfel għal fuq għall-iżvilupp ta' proġetti u tan-natura inklużiva u volontarja tas-Sinerġija tal-Baħar l-Iswed u l-implimentazzjoni tagħha. Impenn imsaħħaħ tal-UE dwar il-kooperazzjoni reġjonali fiż-żona tal-Baħar l-Iswed għandu jibni fuq it-tagħlimiet miksuba waqt l-implimentazzjoni tas-Sinerġija tal-Baħar l-Iswed.

5. Il-Kunsill ifaħħar b'mod partikolari l-impenn, miksub bl-appoġġ tal-UE, tas-sitt stati littorali u tar-Repubblika tal-Moldova biex jaħdmu flimkien lejn ekonomija blu aktar sostenibbli. Il-Kunsill jilqa' l-Aġenda Marittima Komuni għall-Baħar l-Iswed tal-21 ta' Mejju 2019, aġenda ta' kooperazzjoni għall-baċiri tal-baħar maqbula waqt laqgħa Ministerjali f'Bucharest, u li tibni fuq id-Dikjarazzjoni Ministerjali ta' Burgas tal-31 ta' Mejju 2018; u l-Aġenda Strateġika ta' Riċerka u Innovazzjoni għall-Baħar l-Iswed, immedija f'Bucharest, fit-8 ta' Mejju 2019 li tkompli d-dokument ta' viżjoni ta' Burgas tal-31 ta' Mejju 2018. Dawn iż-żewġ Aġendi jirrappreżentaw pass sinifikanti lejn kooperazzjoni reġjonali mtejba fil-Baħar l-Iswed dwar l-affarijiet marittimi u s-sajd, b'enfasi fuq l-ekonomija blu. Dawn jinkludu s-sostenibbiltà ambjentali, il-portijiet intelliġenti, it-turiżmu, ir-riċerka u l-innovazzjoni, l-appoġġ għall-intrapriżi żgħira u ta' daqs medju, u ħiliet u karrieri blu. Il-Kunsill jistieden lir-Rappreżentant Għoli u lill-Kummissjoni Ewropea biex ikomplu jiggwidaw u jappoġġaw b'mod attiv l-implimentazzjoni ta' dawn iż-żewġ Aġendi fis-snin li ġejjin. Il-Kunsill iħeġġeġ lill-istati kkonċernati biex iqisu l-prijoritajiet ta' dawn l-Aġendi għall-programmi transnazzjonali, transkonfinali u nazzjonali tagħhom.
6. Il-Kunsill itenni l-importanza li jiġu stimulat l-kooperazzjoni u d-djalogu reġjonali fost l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fir-reġjun tal-Baħar l-Iswed bil-għan li jiġi ffaċilitat l-iżvilupp sostenibbli u tiżdied ir-reżiljenza tas-soċjetajiet. Il-ħolqien ta' spazju għas-soċjetà ċivili jibqa' prijorità kostanti għall-UE. Il-Kunsill jitlob involviment attiv mar-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili u appoġġ għall-Forum ta' suċċess tal-NGOs dwar il-Baħar l-Iswed.
7. Il-Kunsill jissottolinja l-importanza ta' kooperazzjoni mill-qrib u kontinwa mal-komunitajiet lokali, ir-rappreżentanti akkademiċi u tan-negozju. Il-Kunsill jappoġġa l-kooperazzjoni transkonfinali għall-Baħar l-Iswed, b'mod partikolari l-Programm Operazzjonali Konġunt tal-Baċir tal-Baħar l-Iswed, bħala mutur importanti għall-kooperazzjoni fost il-partijiet ikkonċernati lokali u reġjonali, b'riżultati tanġibbli fuq il-benesseri tal-komunitajiet kostali.
8. Il-Kunsill jirrikonoxxi li kooperazzjoni reġjonali msaħħa fil-Baħar l-Iswed tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE dwar il-konnessjoni bejn l-Ewropa u l-Asja, u l-erba' prijoritajiet tagħha f'termini ta' trasport, enerġija, il-qasam diġitali u l-kuntatti bejn il-persuni. Il-Kunsill iħeġġeġ lir-Rappreżentant Għoli u lill-Kummissjoni Ewropea biex ikomplu jissostanzjaw "ir-rwol ta' pont tal-baċir tal-Baħar l-Iswed" u biex ikomplu jiżguraw l-interkonnettività tiegħu.

9. Il-Kunsill iheggegħ rabtiet aħjar bejn is-Sinerġija tal-Baħar l-Iswed u politiki u strateġiji oħra tal-UE rilevanti għar-reġjun, b'mod partikolari mal-Istrateġija tal-UE għar-Reġjun tad-Danubju. Azzjonijiet konġunti fl-oqsma tal-ambjent, it-trasport u l-enerġija huma partikolarment rilevanti.
10. Il-Kunsill jilqa' b'sodisfazzjon il-kooperazzjoni bejn l-UE u l-organizzazzjonijiet reġjonali u internazzjonali ewlenin attivi fiż-żona tal-Baħar l-Iswed, b'mod partikolari l-Organizzazzjoni tal-Kooperazzjoni Ekonomika tal-Baħar l-Iswed u l-Kummissjoni Ġenerali tas-Sajd fil-Mediterran. Il-Kunsill jafferma mill-ġdid l-għan tal-UE li ssir membru sħiħ tal-Kummissjoni dwar il-Protezzjoni tal-Baħar l-Iswed Kontra t-Tniġġis. Il-Kunsill iqis b'mod partikolari l-ħtieġa għal kooperazzjoni internazzjonali mtejba biex jiġu indirizzati l-isfidi ambjentali u klimatiċi fil-Baħar l-Iswed. Il-Kunsill jenfasizza wkoll ir-rwol importanti li għandhom l-Istati Membri f'dawn il-formati reġjonali, bħala membri u osservaturi fil-promozzjoni tal-involviment tal-UE u fl-appoġġ għall-kooperazzjoni reġjonali fiż-żona tal-Baħar l-Iswed.
11. Il-Kunsill iheggegħ l-iskambju ta' esperjenza u t-tagħlimiet meħuda ma' forom rilevanti oħra ta' kooperazzjoni reġjonali, bħad-Dimensjoni tat-Tramuntana, il-kooperazzjoni madwar l-Oċean Atlantiku, kif ukoll il-Baħar Baltiku, l-Adrijatiku u l-Jonju, u l-Mediterran.
12. Il-Kunsill jistieden lir-Rappreżentant Għoli u lill-Kummissjoni Ewropea biex jirrappurtaw b'mod regolari dwar l-implimentazzjoni tas-Sinerġija tal-Baħar l-Iswed. Il-Kunsill ser jikkunsidra rieżami aktar sostanzjali tal-politika tal-UE rigward il-Baħar l-Iswed, meta jkun meħtieġ u abbażi tar-riżultati tal-kooperazzjoni reġjonali fiż-żona tal-Baħar l-Iswed u l-iżvilupp ulterjuri tal-oġġettivi tal-UE hemmhekk.
13. Il-Kunsill iheggegħ lir-Rappreżentant Għoli u lill-Kummissjoni Ewropea biex jikkunsidraw b'mod xieraq is-Sinerġija tal-Baħar l-Iswed fl-ipprogrammar futur tal-kooperazzjoni finanzjarja u teknika; biex jissaħħu s-sinerġiji bejn id-diversi strumenti ta' finanzjament għal żvilupp reġjonali sostenibbli; kif ukoll, biex jikkooperaw ma' istituzzjonijiet finanzjarji biex jinkoraġġixxu l-investiment u jingħaqdu l-fondi għal proġetti fiż-żona tal-Baħar l-Iswed.
14. Il-Kunsill jissottolinja l-importanza li jiġi żviluppat pjan ta' komunikazzjoni biex jappoġġa l-kontribuzzjoni tal-UE għall-kooperazzjoni reġjonali fiż-żona tal-Baħar l-Iswed, u biex tiżdied il-viżibbiltà tal-ħidma tal-UE u l-Istati Membri tagħha.